**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 3 ta' Ġunju 2025

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Patrick Cassar**

(Detentur tal-permess tar-residenza Maltija bin-numru 499279(M))

**Il-Qorti,**

Rat li Patrick Cassar ta' ħamsa u erbgħin (45) sena, iben Mary Cassar missier mhux magħruf, mwieled ġewwa l-Pietà', Malta nhar is-sebgħa (07) ta' Awwissu 1979, u jirrisjedi ġewwa Yucca Court, Flat 15, Triq Carmelo De Luca San Pawl il-Baħar, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 499279(M), tressaq taħt arrest u f'isem ir-Repubblika ta' Malta ġie akkużat talli

*"F'xi ħin matul il-gurnata, nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), ġewwa sit ta' Kostruzzjoni , li tinsab Ġewwa Triq il-Ħamra, San Pawl il-Baħar:*

*1. Ikkommetta serq ta' Tower Crane Remote, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur liema valur ma jeċċedix I-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin Ċenteżmu (€2,329.37), u dan sar għad-detriment ta' Ryan Buhagiar u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra. (Artikoli 261(ċ), 267, 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*U aktar talli:*

*2. huwa reċidiv ai termini tal-artikolu 49, 50 u tal-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza/sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu. (Artikolu 49 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.)"*

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmija persuna tħallas id-danni stabbiliti skont l-artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-Imputat sabiex jirristetwixxi lill-parti offiża kull haġa minnha misruqa hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 15A, jew 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'każ ta' sentenza sospiża.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba jekk jidrilha xieraq toħroġ odrni ta' trattament u ai termini tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Għaldaqstant, filwaqt li l-Prosekuzzjoni esebew il-fedina penali u dokument ta' identifikazzjoni tal-imputat, talbu li dan il-każ jiġi trattat skont il-Liġi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u li l-imputat kien iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat illi waqt is-seduta tal-għaxra (10) t' April 2025 il-partijiet infurmaw lill-qorti li kienu waslu f' patteġġjament u kienu ser isegwu l-proċedura formali ta' patteġġament, u sussegwentement is-seduta tal-għoxrin ta' mejju 2020 ippreżentaw rikors konġunt ai termini tal-artiklu 392A(5).

Rat illi waqt l-istess seduta tal-għoxrin (20) ta' Mejju 2025 l-imputat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-akkużat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-imputat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-imputat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 261(ċ), 267, 279(a), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fuq ammissjoni issib lill- Patrick Cassar, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 499279(M), ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' priġunerija għal perjodu ta' disgħa (9) xhur li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat inżamm arrestat fuq dan il-każ.

Finalment il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kontemplata abbażi tal-artikoli 412D u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li hemm xi vizzji jew li nħatru xi esperti jew periti.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------